MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 910/2004

**S. Mifsud & Sons Limited**

**Vs**

**Charles Saliba**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm69.00c (disgha u sittin lira Maltin) rapprezentanti spejjez inkorsi minnha f'isem il-konvenut in konnessjoni mal-garr ta' merkanzija illi ngabet Malta fuq il-vapur MV Fast Navigator fil-25 t'April, 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta' Cessjoni tas-sorte pprezentata fis-seduta tas-27 ta' Mejju, 2004 li permezz taghha s-socjeta' attrici cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra l-Kapitolu fuq il-kap ta' l-ispejjez li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici koncernanti l-kap ta' l-ispejjez tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------